**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u ntiża għall-annullament, minn naħa, tad-deċiżjoni inkluża fl-ittra tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2015 bħala tweġiba għat-talba ta' aċċess għad-dokumenti tal-grupp "Kodiċi ta' Kondotta (Fiskalità tal-Impriżi)", imressqa mir-rikorrent fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331), u, min-naħa l-oħra, tad-deċiżjoni inkluża fl-ittra tal-Kummissjoni tad-9. Novembru 2015 li twieġeb għat-talba ta' aċċess għall-istess dokumenti mressqa mill-President tal-Kumitat Speċjali tal-Parlament Ewropew dwar id-Deċiżjonijiet fil-Qasam tat-Taxxa u Miżuri Oħra ta' Natura jew Effett Simili.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.*

2) *Fabio De Masi għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.*

---

([1]) ĠU C 78, 29.2.2016.

---

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Ġunju 2017 – Uniwersytet Wrocławski vs REA

**(Kawża T-137/16)** ([1])

***("Rikors għal annullament — Rikors promotur — Rekwiżiti formali — Nuqqas ta' rappreżentanza minn avukat — Inammissibbiltà manifesta")***

(2017/C 269/22)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Uniwersytet Wrocławski (Wrocław, il-Polonja) (rappreżentanti: D. Dubis, avocat)

*Konvenuta:* L-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA) (rappreżentanti: S. Payan-Lagrou u V. Canetti, aġenti, assistiti minn M. Le Berre u G. Materna, avukati)

**Suġġett**

Minn naħa, l-annullament tad-deċiżjonijiet tar-REA, li aġixxiet b'delega tal-Kummissjoni Ewropea, li jiġi xolt il-ftehim ta' sussidju Cossar (Nru 252908) u li r-rikorrenti tiġi obbligata tirrimborsa l-ammonti ta' EUR 36 508,37, ta' EUR 58 031,38 u ta' EUR 6 286,68 kif ukoll tħallas danni li jammontaw għal EUR 5 803,14 u, min-naħa l-oħra, talba intiża għall-ħlas lura mir-REA tas-somom korrispondenti bl-interessi kkalkolati mid-data tal-ħlas sad-data tal-ħlas lura.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors fil-Kawża T-137/16 huwa miċħud bħala inammissibbli.*

2) *L-Uniwersytet Wrocławski għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess u hija kkundannata tbati l-ispejjeż sostnuti mill-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA).*

---

([1]) ĠU C 200, 6.6.2016.